



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.3.2014  
COM(2014) 116 final

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/004 ES/Grupo Santana minn Spanja)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>1</sup>, jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) fil-limitu massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011) minbarra l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-FEG għall-applikazzjonijiet imressqa sal-31 ta' Diċembru 2013 huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>2</sup>.

Fis-16 ta' Mejju 2012, Spanja ressqet applikazzjoni EGF/2012/004 ES/Gruppo Santana għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara li ammont ta' ħaddiema ngħataw is-sensja mill-Gruppo Santana<sup>3</sup> u minn 15-il fornitur u produttur fl-istadju aħħari tal-produzzjoni fi Spanja.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma ssodisfati.

### **TAQSIRA TAL-APPLIKAZZJONI U L-ANALIŻI**

<b>Dejta ewlenija:</b>	
Nru ta' Referenza tal-FEG	EGF/2012/004
Stat Membru	Spanja
Artikolu 2	(c)
Intrapriża primarja	Gruppo Santana
Fornituri u produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni	15
Perjodu ta' referenza	15.11.2011 – 15.3.2012
Data tal-bidu għas-servizzi personalizzati	1.8.2011
Data tal-applikazzjoni	16.5.2012
Sensji waqt il-perjodu ta' referenza	330
Sensji qabel u wara l-perjodu ta' referenza	689
Total ta' sensji eliġibbli	1 019
Ħaddiema li ngħataw is-sensja u li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri	285
Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	3 729 815
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG <sup>4</sup> (EUR)	199 000
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (%)	5,07
Baġit totali (EUR)	3 928 815
Kontribuzzjoni tal-FEG (50 %) (EUR)	1 964 407

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fis-16 ta' Mejju 2012 u kienet sostnuta b'taġhrif addizzjonali sat-28 ta' Novembru 2013.

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>2</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>3</sup> Santana Motor S.A.U.; Santana Motor Andalucía S.L.U. u Santana Militar S.L.U.

<sup>4</sup> Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fi żmien il-perjodu stipulat ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

### **Rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni**

3. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, Spanja targumenta li t-tkabbir fil-manifattura tal-karozzi fl-UE għadu lura ħafna meta mqabbel ma' kompetituri ewlenin tagħha, u dan iwassal għal telf f'dan is-settur tas-sehem fis-suq tal-UE. Globalment, il-produzzjoni tal-karozzi żdiedet bi 22,4 % fl-2010, wara tnaqqis ta' 9,6 % fl-2009<sup>5</sup>. Iċ-Ċina b'13,9 miljun unità prodotta, rat il-prestazzjoni tagħha tikber b'erba' darbiet aktar mit-tkabbir fil-produzzjoni tal-Ewropa, espansjoni ta' 33,8 % meta mqabbla mat-tkabbir ta' 8,3 % tal-Ewropa fl-2010. Il-Ġappun, it-tielet l-akbar produttur fid-dinja, żied il-manifattura ta' karozzi b'21,1 % mill-2009, segwit mill-Korea t'Isfel (+22,4 %), il-Brażil (+9,8 %), l-Indja (+29,4 %) u l-Istati Uniti (+24,4 %).
4. L-applikant jirreferi wkoll għall-istatistika tal-produzzjoni tal-karozzi<sup>6</sup> biex juri t-tnaqqis tas-sehem fis-suq tal-UE. Fl-2001, is-sehem fis-suq tal-UE-27 fil-produzzjoni dinjija ta' vetturi bil-mutur kien għadu ta' 33,7 %. Fl-2004, dan naqas għal 28,4 % u kompli jonqos fl-2010 għal 26,3 %. Matul il-perjodu 2004-2010, il-produzzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri, f'termini assoluti, żdiedet b'6,7 % fl-UE-27, meta mqabbla mar-rata ta' tkabbir ta' 32,2 % fid-dinja kollha. Dan it-tnaqqis tas-sehem fis-suq tal-UE kien osservat mill-Kummissjoni f'valutazzjoni preċedenti tal-FEG dwar is-settur tal-karozzi li kienet ibbażata fuq il-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ<sup>7</sup>.  
  
Is-sehem li beda jonqos tas-suq Ewropew bħala proporzjon tas-suq dinji għall-karozzi tal-passiġġieri huwa wkoll rifless fir-rapport finali ta' Cars 21, ippubblikat fis-6 ta' Ġunju 2012<sup>8</sup>.
5. L-ixprunatur ewlieni tad-distribuzzjoni mill-ġdid tal-ishma tas-suq dinji huwa x-xejriet ġeografiċi ta' konsum, b'mod partikolari t-tkabbir rapidu fis-swieq Ażjatiċi li l-produtturi tal-UE huma anqas kapaċi li jibbenefikaw minnu, peress li tradizzjonalment, il-pożizzjoni tagħhom f'dawn is-swieq hija anqas tajba milli fi swieq oħra.
6. Sal-lum, is-settur tal-karozzi kien is-suġġett ta' ħafna mill-bosta applikazzjonijiet tal-FEG, b'16-il każ, li minnhom sebgħa huma bbażati fuq il-globalizzazzjoni marbuta mal-kummerċ, filwaqt li d-disgħa l-oħra huma marbuta mal-kriżi<sup>9</sup>.

---

<sup>5</sup> L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Karozzi - ACEA  
([http://www.acea.be/news/news\\_detail/vehicle\\_production\\_on\\_recovery\\_path\\_in\\_2010/](http://www.acea.be/news/news_detail/vehicle_production_on_recovery_path_in_2010/))

<sup>6</sup> Organisation Internationale des Constructeurs d'Automobiles – OICA ([www.oica.net](http://www.oica.net))

<sup>7</sup> EGF/2007/002 FR Peugeot suppliers COM(2007) 415; EGF/2008/002 ES Delphi COM(2008) 547 u EGF/2008 ES Castilla y León & Aragón COM(2009) 150

<sup>8</sup> [http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/files/cars-21-final-report-2012\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/files/cars-21-final-report-2012_en.pdf)

<sup>9</sup> Aġġornamenti regolari hawnhekk: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=326&langId=mt> dokumenti relatati mal-kontrolli (sommarju tal-applikazzjonijiet tal-FEG)

7. L-apprezzament tas-servizzi tal-Kummissjoni huwa li s-sensji fil-Gruppo Santana u l-fornituri tiegħu jistgħu jkunu marbuta, kif meħtieġ mill-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, ma' bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija, b'mod partikolari minħabba tnaqqis tas-sehem tal-UE fil-produzzjoni dinjija tal-vetturi bil-mutur.

### **Turiya tal-għadd ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(c)**

8. Spanja ressqet l-applikazzjoni skont il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-applikanti jidderogaw mir-rekwiżiti tal-Artikoli 2(a) u 2(b) fi swieq tax-xogħol żgħar jew f'każijiet eċċezzjonali fejn is-sensji għandhom impatt serju fuq l-impjiegi u l-ekonomija lokali. F'dan il-każ l-applikant irid jispeċifika liema wieħed mir-rekwiżiti ewlenin ta' eliġibbiltà ma tissodisfax l-applikazzjoni tiegħu, u għalhekk mil-liema wieħed qed jitlob deroga.

L-awtoritajiet Spanjoli speċifikaw li l-applikazzjoni tfittex deroga mill-Artikolu 2(a), fejn il-limitu normali huwa ta' mill-inqas 500 sensja fuq perjodu ta' erba' xhur.

9. L-applikazzjoni ssemmi 330 sensja fl-intrapriża Gruppo Santana u fi 15-il furnitur matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur mill-15 ta' Novembru 2011 sal-15 ta' Marzu 2012 u 689 sensja oħra barra l-perjodu ta' referenza, iżda relatati mal-istess proċedura ta' sensji kollettivi. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkulati skont l-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
10. L-intrapriżi kollha kkonċernati minn din l-applikazzjoni jinsabu f'Linares, belt fir-reġjun ta' Jaen tal-livell NUTS III (ES 616). Il-katina itwal ta' sensji hija deskritta fl-applikazzjoni kif ġej: 670 ħaddiem ingħataw is-sensja bejn il-31 ta' Marzu u l-14 ta' Novembru 2011 filwaqt li 330 ħaddiem ingħataw is-sensja fil-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur, mill-15 ta' Novembru sal-15 ta' Marzu 2012. 19-il ħaddiem addizzjonali ngħataw is-sensja wara l-perjodu ta' referenza. Flimkien dawn jammontaw għal 1019-il sensja fuq perjodu ta' ħax-xahar u nofs (jiġifieri madwar 90 sensja fix-xahar). Is-sensji ngħataw gradwalment biex jitnaqqas l-impatt tagħhom fuq it-territorju affettwat u b'hekk kien impossibbli li jintlaħaq l-ammont minimu ta' sensji ta' 500 ħaddiem f'perjodu ta' erba' xhur, kif inhu meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
11. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, Jaen tinsab f'sitwazzjoni diffiċli ħafna. Il-prodott reġjonali gross (PDG) per capita ta' Jaen huwa ta' 69,8 % tal-medja tal-UE. Ir-rata ta' impjiegi f'Jaen ta' persuni ta' etajiet bejn is-16 u l-64 sena naqset minn 56,1 % fl-2007 għal 48,8 % fl-2011 meta l-għadd ta' persuni impjegati naqas minn 235 767 għal 209 047. Matul l-istess perjodu, ir-rata tal-qgħad żdiedet minn 13 % għal 27,9 % (minn 21,13 % għal 48,6 % għal dawk li għandhom inqas minn 25 sena) u l-għadd assolut ta' ħaddiema qiegħda żdied minn 35 567 għal 81 153.
12. Spanja targumenta li s-sensji fil-Gruppo Santana għandhom impatt sinifikanti fuq ir-reġjun ta' Jaen tal-livell NUTS III u b'mod partikolari f'Linares fejn jinsab il-Gruppo Santana, peress li s-suq ma joffrix biżżejjed għażliet ta' impjiegi għall-ħaddiema. Fl-2011 meta mqabbel mal-2008, l-għadd ta' impjiegi disponibbli fl-industrija, fil-konstruzzjoni u fis-servizzi naqas b'29,1 %, 45,3 % u 5,1 % rispettivament.

13. L-applikant jirreferi wkoll għall-fatt li l-qgħad fl-Andalucía (il-livell NUTS II) huwa oġġla mill-medja nazzjonali u mill-medja tal-UE (33,9 %, 24,63 % u 11,2 % rispettivament). L-Andalucía hija reġjun eliġibbli skont l-Objettiv ta' Konverġenza u l-PDG huwa ta' 76,6% tal-medja tal-UE.
14. L-Andalucía kienet ukoll affettwata minn sensji oħra bil-massa li għalihom tressqet applikazzjonijiet tal-FEG quddiem il-Kummissjoni: 1 589 sensja f'perjodu ta' erba' xhur relatati għal darba oħra mas-settur tal-karozzi (EGF/2008/002 ES Delphi, approvat mill-Awtorità Baġitarja fl-2008, 2008/818/KE, ĠU L 285/13 (29/10/2008)).
15. Is-servizzi tal-Kummissjoni jqisu li, it-330 sensja inkwistjoni u s-689 sensja minħabba l-istess kawża li seħħew qabel u wara l-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, li għandhom impatt serju fuq l-impjiegi u fuq l-ekonomija fil-livell lokali u ta' NUTS III, flimkien mas-sitwazzjoni ekonomika partikolarment fraġli tat-territorju affettwat, jingħaqdu flimkien biex jilhqnu l-kriterji tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. In-natura eċċezzjonali tal-każ tikkonsisti fil-kombinazzjoni ta' dawn il-fatturi, li flimkien isarrfu f' sitwazzjoni mhux tas-soltu u diffiċli għall-ħaddiema u t-territorju kkonċernati.

### **Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji**

16. L-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li minkejja l-problemi mġarrba minn Santana wara tnaqqis fil-bejgħ bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-falliment u l-ghelug ma kinux previsti.
17. Il-mudell tan-negozju ta' Santana kien taħlita ta' produzzjoni ta' vetturi tal-marka proprja, bħall-jeep "Anibal Santana" li nbiegħet lil diversi armati Ewropej bħall-armata Franċiża u dik Ċeka, u l-manifattura u l-immuntar ta' vetturi għal manifatturi oħra, bħall-grupp Taljan Iveco jew il-Ġappuniżi Suzuki.
18. Ittieħdu deċiżjonijiet strateġiċi mill-konsumaturi ewlenin ta' Santana li waslu għall-kanċellazzjoni jew għall-ebda tiġdid tal-kuntratti li għaddejjin bħalissa peress li dawn taw prijorità lill-produzzjoni li ssir qrib is-swieq emerġenti ġodda, b'mod partikolari fl-Indja jew fiċ-Ċina.
19. Il-kombinazzjoni ta' tnaqqis fid-domanda għall-prodotti tagħhom stess flimkien mal-bidla fil-pjanijiet strateġiċi tal-klijenti ewlenin ta' Santana ma kinux faċli li wieħed jipprevedihom.

### **Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema fil-mira tal-għajnuna**

20. L-applikazzjoni tikkonċerna 1 019-il sensja fi tliet intrapriżi li jiffurmaw il-Gruppo Santana u 15-il fornitur.

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
Gruppo Santana	392	Fundiciones Mecacontrol SL	4
Alstom	2	Iturri Santana SA	3
Capgemini	77	Pintados Garley	5
Casarubio Elevadores SL	85	Prosegur Cia de seguridad	4
Cofely España	44	Servicios Logísticos Integrados	67

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
Dictesa Jaén SL	54	Técnicas de tiempos y métodos	3
Faescom 92	97	Urbina SL	1
FASUR	151	Windar logistic	30
<b>Total ta' intrapriżi: 16</b>		<b>Total ta' sensji: 1 019</b>	

21. It-tqassim tal-ħaddiema li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa kif ġej:

Kategorija	Numru	Perċentwal
Irġiel	234	82,10
Nisa	51	17,90
Ċittadini tal-UE	285	100,00
Ċittadini mhux tal-UE	0	0
Età bejn il-15 u l-24 sena	4	1,14
Età bejn il-25 u l-54 sena	265	92,99
Età bejn il-55 u l-64 sena	16	5,61
'il fuq minn 64 sena	0	0

22. L-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li minkejja l-isforzi li għamlu biex jiġbru l-informazzjoni dwar il-kategoriji okkupazzjonali tal-ħaddiema, l-informazzjoni ma għadhiex disponibbli minħabba li l-biċċa l-kbira tal-intrapriżi diġà lesteu il-proċessi tagħhom ta' likwidazzjoni u għalhekk ma għadhomx jeżistu.
23. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, Spanja kkonfermat li ġiet applikata u se tkompli tiġi applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nondiskriminazzjoni matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-FEG u, b'mod partikolari, għall-aċċess għall-FEG.

### **Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu**

24. L-intrapriżi kollha kkonċernati minn din l-applikazzjoni jinsabu f'Linares, it-tieni l-akbar belt fir-reġjun ta' Jaen tal-livell NUTS III. Skont l-aħħar ċensiment (fl-2011) din il-belt għandha popolazzjoni ta' 61 116-il persuna.
25. Sa minn nofs is-seklu dsatax, meta Linares saret ċentru importanti tal-minjieri sal-aħħar tas-seklu għoxrin, Linares kienet involuta ħafna fit-tħaffir u fit-tidwib taċ-ċomb u fil-produzzjoni tal-porvli; id-dinamite u l-ħbula kienu pilastru tal-ekonomija lokali. Meta għalqet l-aħħar minjiera fl-1991, l-ekonomija lokali serrħet fuq Grupo Santana u xi ftit anqas, anke fuq Azucareras Reunidas<sup>10</sup>. F'dawn l-aħħar snin, f'Linares twaqqaf impjant ta' produzzjoni għall-komponenti tat-turbini eoliċi kif ukoll impjant tal-immuntar tal-manifattur tal-ferroviji jew tat-trams CAF. Madankollu, Grupo Santana baqa' sal-għeluq tiegħu l-impjegatur ewlieni f'Linares.
26. Il-partijiet interessati ewlenin huma *Junta de Andalucía* (il-gvern awtonomu tal-Andalucía) u b'mod partikolari l-Ministeru reġjonali tal-Ekonomija, l-Innovazzjoni u x-Xjenza; u t-trejdjunjins *MCA-UGT Andalucía* u *Federación de la industria de CCOO-Andalucía*.

<sup>10</sup> Azucareras Reunidas de Jaen S.A, produttur taz-zokkor tal-pitravi li f'dawn l-aħħar snin beda jipproduċi wkoll bijodijil miż-żejt tal-kolza, miż-żejt tal-palm, mill-fażola tas-sojja u miż-żejt tal-ġirasol.


### **Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali**

27. Il-qgħad irreġistrat f'Linares żdied b'270 % fl-aħħar tal-2011 meta mqabbel mal-2007 u għalkemm il-popolazzjoni ta' Linares ta' bejn is-16 u l-64 sena tirrappreżenta biss 9,4 % tal-popolazzjoni totali tar-reġjun ta' Jaen tal-livell NUT III, il-persuni qiegħda minn Linares jikkontribwixxu bi 15,7 % għat-total tal-qgħad f'Jaen. Barra minn hekk, nofs il-ħaddiema li qed ifittxu impjiegi ilhom għal żmien twil qiegħda (>minn 12-il xahar). L-għeluq ta' Santana Group u s-sensji diretti u indiretti li jirriżultaw minn dan għandhom impatt sinifikanti fuq l-impjiegi lokali u reġjonali u jsarrfu f'sitwazzjoni mhux tas-soltu u diffiċli għall-ħaddiema u għat-territorju kkonċernat.
28. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-belt ta' Linares hija dgħajfa u s-sensji tal-Grupo Santana u tal-15-il fornitur li kollha huma bbażati fl-eks park tan-negozju ta' Santana (li issa ngħata l-isem ġdid ta' park ta' negozju ta' Linares) se jkollhom impatt fuq id-dħul fiskali tal-muniċipalitá. Bħala impjegatur, il-belt wisq probabbli se jkollha tkeċċi għadd ta' impjegati minn tagħha stess, u mhux se tkun tiflaħ tgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja ta' Grupo Santana billi toffrilhom xi impjiegi ieħor.
29. F'ċirkostanzi bħal dawn, wieħed jista' jikkonkludi, li s-sensji għandhom effett negattiv sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol lokali u reġjonali.

### **Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u t-tqassim tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetá mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali**

30. Meta titqies is-sitwazzjoni partikolarment fraġli tas-suq tal-impjiegi fit-territorju affettwat (Linares), l-awtoritajiet reġjonali flimkien mal-partijiet interessati ewlenin iddeċidew li jżidu l-miżuri standard ipprovduti mill-uffiċċji pubbliċi tal-impjiegi b'pakkett *ad hoc* ta' miżuri mfassla biex jittrattaw kemm in-nuqqas ta' offerti ta' xogħol kif ukoll in-nuqqas ta' ħiliet vokazzjonali tal-ħaddiema, minbarra l-ħiliet relatati mal-industrija tal-karozzi.

## Deskrizzjoni ġenerali tal-pakkett ta' miżuri "Plan Linares Futuro"<sup>11</sup>



Sabiex tiġi indirizzata l-ewwel kwistjoni (jiġifieri n-nuqqas ta' offeriti ta' xogħol) tfasslu żewġ miżuri: **(1) Ir-Rinnovazzjoni tal-eks park ta' negozju ta' Santana**<sup>12</sup> (modernizzazzjoni tan-netwerks tal-enerġija, tal-vuċi u tad-dejta, riabilitazzjoni ta' madwar għoxrin unità li kienu jiffurmaw il-fabbrika, titjib tal-konnessjoni ferrovjarja li taqdi l-park, eċċ.), sabiex ikun jista' jilqa' l-intrapriżi b'valur miżjud għoli. L-ispiża tar-riabilitazzjoni tal-eks park ta' negozju ta' Santana hija stmata għal EUR 6,2 miljun. Din il-miżura ilha titwettaq minn Jannar 2011 u hija mistennija li tispiċċa f'Mejju 2014. **(2) Jitwaqqaf uffiċċju li min-naħa waħda se jippromwovi l-park ta' negozju** fost intrapriżi b'valur miżjud għoli fid-dawl tal-istabbiliment tagħhom fil-park, u min-naħa l-oħra, se **jkun inkarigat ukoll mill-għajjnuna attiva fit-tiftix ta' xogħol u mill-attivitajiet ta' kollokazzjoni ta' xogħol** b'appoġġ għall-eks ħaddiema ta' Santana billi jippromwovi dawn il-ħaddiema fost in-negozji l-ġodda li

<sup>11</sup> Pjan għall-futur ta' Linares.

<sup>12</sup> Wara li ġie rinnovat, l-eks park ta' negozju ta' Santana ngħata l-isem il-ġdid ta' park ta' negozju ta' Linares.



jistabbilixxu ruħhom fil-park. L-ispiża totali tal-uffiċċju hija stmata għal EUR 525 000 (EUR 150 000 fis-sena għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2011 u l-31 ta' Diċembru 2014). Ma ntlab l-ebda finanzjament mill-FEG għal dawn iż-żewġ miżuri.

Sabiex jiġi ttrattat in-nuqqas ta' ħiliet vokazzjonali tal-ħaddiema, dawn se jingħataw **taħriġ vokazzjonali 'fuq il-lant tax-xogħol'**. Din il-miżura għandha l-għan li tipprovdi ħiliet vokazzjonali lill-ħaddiema li jew se jieħdu ħsieb il-ħtieġa identifikata tal-intrapriżi li jistabbilixxu ruħhom fil-park ta' negozju, jew dawk il-ħiliet se jintalbu, bħal pereżempju l-ġestjoni amministrattiva tal-SMEs, il-liċenzjar vokazzjonali bħaċ-ċertifikati meħtieġa għall-ġestjoni tal-oġġetti tal-ikel, it-trasport tal-passiġġieri CPC<sup>13</sup>, l-għassiesa tas-sigurtà privata, eċċ. Il-karatteristika distintiva ta' din l-attività ta' taħriġ hija li t-taħriġ fil-klassi se jkun ikkumplimentat b'taħriġ fuq il-lant tax-xogħol u anke bit-tul tat-taħriġ (madwar 840 siegħa). Permezz tal-attivitajiet ta' taħriġ fuq il-lant tax-xogħol, il-parteċipanti se jkollhom l-opportunità li jiksbu xi ftit tal-esperjenza permezz tat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol filwaqt li fl-istess ħin jirċievu **'paga tat-taħriġ'** li hija ekwivalenti għal 150 % tal-paga minima Spanjola flimkien ma' parti prorata tal-paga tat-13 u l-14-il xahar<sup>14</sup>. Il-kontribuzzjonijiet soċjali rilevanti huma inklużi wkoll fl-ispiża totali ta' din il-paga ta' taħriġ li hija stmata għal EUR 1 483 fix-xahar għal kull ħaddiem.

31. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG, li hija inkluża fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri l-attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni u ta' kontroll kif ukoll it-tagħrif u l-pubbliċità.
32. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Spanjoli huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli ddefiniti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Spanjoli jikkalkolaw li l-ispejjeż totali huma ta' EUR 3 928 815, li EUR 3 729 815 minnhom huma nefqa għas-servizzi personalizzati filwaqt li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG hija ta' EUR 199 000 (5,07 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 1 964 407 (50 % tal-ispejjeż totali).

---

<sup>13</sup> Iċ-Ċertifikat ta' Kompetenza Professionali (CPC) huwa ċ-ċertifikat li juri li ċerti sewwieqa professjonali għaddew mill-korsijiet u t-testijiet meħtieġa mid-Direttiva 2003/59/KE.

<sup>14</sup> Fi Spanja, is-salarju annwali kuntrattwali jinqasam f'erbatax-il parti ugwali, tnax minnhom jitħallsu kull xahar u t-13 u l-14 jitħallsu f'Ġunju u f'Diċembru flimkien mas-salarju tax-xahar rilevanti.

Azzjonijiet	L-għadd ta' ħaddiema li huma stmati li qegħdin fil-mira	Stima tal-ispiża għal kull ħaddiem fil-mira (EUR) (*)	Spejjeż totali (FEG u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR) (**)
<b>Servizzi personalizzati</b> (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Taħriġ vokazzjonali fuq il-lant tax-xogħol ( <i>Cursos de formación</i> )	285	4 191	1 194 295
Pagi tat-taħriġ ( <i>Contratación beneficiarios</i> )	285	8 897	2 535 520
<b>Subtotal tas-servizzi personalizzati</b>			<b>3 729 815</b>
<b>Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG</b> (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Attivitajiet preparatorji			60 000
Ġestjoni			104 000
Tagħrif u pubbliċità			15 000
Attivitajiet ta' kontroll			20 000
<b>Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG</b>			<b>199 000</b>
<b>Total stmat tal-ispejjeż</b>			<b>3 928 815</b>
<b>Kontribuzzjoni tal-FEG (50 % tal-ispejjeż totali)</b>			<b>1 964 407</b>

(\*) Biex jiġu evitati d-deċimali, l-ispejjeż stmati għal kull ħaddiem ġew imqarrba. Madankollu t-tqarrib ma għandu l-ebda impatt fuq l-ispiża totali ta' kull miżura li tibqa' l-istess kif inhi fl-applikazzjoni mressqa minn Spanja.

(\*\*) It-total ma jaqbilx minħabba li ċ-ċifri huma mqarrba.

33. Spanja tikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq jikkumplimentaw l-azzjonijiet ifffinanzjati mill-Fondi Strutturali u li mhux se jitħalla jsir ifffinanzjar doppju. Spanja se tistabbilixxi l-proċeduri ta' kontroll meħtieġa biex telimina r-riskju ta' finanzjament doppju u se tassigura wkoll li jkun hemm rekord ċar tal-verifiki għall-attivitajiet ta' finanzjament mill-FEG.

34. Il-kumplimentarjetà bejn il-FEG u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) tinsab, b'mod partikolari, fil-possibbiltà li tiġi ttrattata l-kwistjoni tas-sensji minn żewġ perspettivi: Il-FEG jipprovdi appoġġ individwali ta' malajr, ta' darba u limitat fiż-żmien, immirat biex jgħin lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja bħala riżultat tal-globalizzazzjoni filwaqt li l-FSE jwettaq objettivi strateġiċi fuq perjodu twil ta' żmien u ġeneralment ir-riżorsi ma jkunux jistgħu jiġu allokati mill-ġdid sabiex jindirizzaw kriżi li tkun ikkawżata minn sensji bil-massa minħabba l-globalizzazzjoni. Il-miżuri ta' taħriġ b'appoġġ għall-eks ħaddiema ta' Santana tfasslu sabiex jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet tal-intrapriżi li jstabbilixxu ruħhom fil-park ta' negozju ta' Linares filwaqt li tqiesu wkoll il-profilu tal-ħaddiema. Dawn il-korsijiet ta' taħriġ *ad hoc* la huma parti mit-taħriġ ipprovdut skont il-programmi operazzjonali tal-FSE għall-Andalucía tal-2007-2013 u lanqas mhuma parti mill-Programm dwar l-Impjiegi u l-Adattabilità tal-2007-2013. Madankollu, jekk il-ħtiġijiet partikolari ta' ħaddiem jistgħu jiġu sodisfatti aħjar billi jipparteċipa f'waħda mill-attivitajiet ta' taħriġ kofinanzjati mill-FSE, il-ħaddiem se jiġi pprovdut bit-taħriġ rilevanti tal-FSE.
35. Sabiex tiġi evitata duplikazzjoni tal-miżuri tal-FSE u dawk tal-FEG għandu jkun hemm prosegwiment kontinwu tal-azzjonijiet tal-FSE u tal-FEG li għandhom l-istess għanijiet, u tal-ħaddiema kkonċernati.

#### **Id-data/i meta nbdew jew meta huwa maħsub li jinbdew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati**

36. Spanja bdiet toffri s-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett ikkoordinat propost lill-FEG għall-kofinanzjament fl-1 ta' Awwissu 2011. Għalhekk, din id-data tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kull għajjnuna li tista' tingħata mill-FEG.

#### **Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali**

37. Il-gvern awtonomu tal-Andalucía kkonsulta mat-trejdjunjins MCA-UGT Andalucía u Federación de la industria de CCOO-Andalucía dwar il-pakkett sħiħ ta' miżuri kemm fil-waqt tan-negozjati qabel l-għeluq tal-Grupo Santana kif ukoll wara, matul il-proċess ta' applikazzjoni. Barra minn hekk, dawn it-trejdjunjins qed jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-FEG.
38. L-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li kien hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u dik tal-UE dwar is-sensji kollettivi.

#### **Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi**

39. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Spanjoli fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tiħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi,
  - urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għall-ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji jew setturi,

- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux għajnuma minn strumenti finanzjarji oħra.

### **Sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

40. Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi ġestita u kkontrollata mill-istess korpi li jiġġestixxu u jikkontrollaw lill-FSE. Is-Servicio Andaluz de Empleo se jkun il-korp intermedjarju għall-awtorità ta' ġestjoni.

### **Finanzjament**

41. Abbażi tal-applikazzjoni minn Spanja, il-kontribuzzjoni proposta mill-FEG għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (inkluża n-nefqa biex jiġi implimentat il-FEG) hija ta' EUR 1 964 407, li tirrappreżenta 50 % tal-ispiża totali. L-allokazzjoni proposta mill-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq it-tagħrif li nġhata minn Spanja.
42. Filwaqt li tqis l-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013, kif ukoll l-ambitu tal-allokazzjoni mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mobilizzat għall-ammont totali msemmi hawn fuq.
43. Id-deċizzjoni proposta biex jiġi mobilizzat il-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stipulat fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba<sup>15</sup>.
44. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit tal-2014 iddaħħal approprjazzjonijiet speċifiċi ta' impenn, kif mitlub fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013.

### **Sors tal-appropriazzjonijiet ta' pagament**

45. Se jintużaw approprjazzjonijiet allokati lil-linja baġitarja tal-FEG fil-baġit tal-2014 biex ikopru l-ammont ta' EUR 1 964 407 meħtieġ għal din l-applikazzjoni.

---

<sup>15</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/004 ES/Gruppo Santana minn Spanja)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>16</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>17</sup>, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea<sup>18</sup>,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u biex jiġu meġhuna fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>19</sup>.
- (3) Spanja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward tas-sensji fl-intrapriża Gruppo Santana u fi 15-il fornitur u produttur fi stadju aħħari tal-produzzjoni, fis-16 ta' Mejju 2012 u sostnietha b'taġhrif addizzjonali sat-28 ta' Novembru 2013. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stipulat fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mmobilizzat l-ammont ta' EUR 1 964 407.

<sup>16</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>17</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

<sup>18</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>19</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

- (4) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa minn Spanja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 964 407 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-pagamenti.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*